# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 27 ta' Gunju 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elton Taliana)**
**vs**
**Mario Sciberras**

**Kumpilazzjoni Nru: 232-2004**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mario Sciberras detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 37272 (M).

Akkuzat talli f'Bormla, il-Birgu u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, nhar il-Gimgha, 12,is-Sibt 13 u t-Tnejn, 15 ta' Marzu, 2004 kif ukoll fil-jiem ta' qabel dawn id-dati, f'hinijiet differenti tal-gurnata;

1. Bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta, jzomm jew jissekwestra lil certa Rosaria Galea mill-Birgu, kontra l-volonta' taghha, liema persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna taghha u anke mhedda bil-mewt.
2. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' l-istess Rosaria Galea, f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghha, liema offiza gabet mankament jew sfregju fil-wicc taghha, u dan

skond ma’ iccertifika Dr R. M. Spiteri MD., tac-Centru tas-sahha ta’ Rahal il-Gdid.

3. B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zmienijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, f’dawn l-ahhar tlett xhur, hedded lill-istess Rosaria Galea bil-mewt;
4. Uza xi sistema jew apparat ta’ telekomunikazzjonijiet provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma’ kienx dak li ghalih kien gie provdut, jew naqas milli josserva dawk l-istruzzjonijiet li inhargu minn proveditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu minnu mhux sewwa;
5. Hebb ghal Rosaria Galea sabiex jingurjaha, idejjaqha, jew jaghmlilha l-hsara;
6. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ ghamel hsara fil-windscreen tal-vettura tal-ghamla Honda bin-numru ta’ registrazzjoni BBA 314, ghad-detriment ta’ l-imsemmija Rosaria Galea, liema ammont ta’ hsara ma’ jiskorrix l-hames mitt lira imma izjed minn hamsin lira;
7. Saq il-vettura tieghu ta’ l-ghamla Daewoo bin-numru ta’ registrazzjoni FAP-216 b ’nuqqas ta’ kont, bi traskuragni, u wkoll b’manjiera perikoluza;
8. Saq l-istess vettura FAP-216 b’giri aktar milli jmissu’
9. Qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha f’post pubbliku;
10. Bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat jew b’mod iehor;
11. U finalment talli sar recediv ai termini ta’ l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu IX tal-Ligijiet ta’ Malta, b’sentenza moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma’ tistax tigi mibdula jew imhassra;

Il-Qorti, giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tiskwalifika lill-imsemmi Mario Sciberras mill-licenzji tas-sewqan kollha tieghu, jew milli jottjeni licenzji tas-sewqan ghal zmien ta’ mhux anqas minn tnax –il xahar, minn mindu hekk jinstab hati.

Il-Qorti, wkoll giet mitluba sabiex jekk jidrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ l-istess Rosaria Galea, u/jew jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena, jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil

hati b'obbligazzjonijiet tieghu iniffsu, taht penali ta' somma ta' flus li tigi iffissata mill-Qorti.

Rat id-degriet ta'l-Unur Tieghu il-Prim Imhallef Dr Camilleri tas-26 ta' Ottubru, 2017 permezz ta' liema l-proceduri gew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif ghar-raba, is-seba' u il-hdax il-wahda.

Semghet il-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma llum meta l-parte leza Rosaria Galea iddikjarat li d-disgwid li kien hemm bejnha u l-imputat issa ilu li gie rizolt u li hija hafret lill-imputat ghall akkadut u li hija m'ghandha l-ebda interess fil-proceduri odjerni.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha hlif ghar-raba, is-seba' u il-hdax il-wahda; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Ikkunsidrat

Illi permezz tar-raba imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat ir-reat predispost f'l-artikolu 48(1)(d), gia l-artikolu 35(1)(d), tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha l-opportunita tippronnzja ruhha dwar dan ir-reat. Fis-sentenza mghotija nhar fil-kawza Il-Pulizija ve Etienne Calleja[1] intqal hekk:

[1] Deciza 22.08.2007.

*Illi moqri fid-dawl tal-import tas-sub sub-incizi (a) (b) (c) li jippreceduh, u tas-sub artikolu (2) (3) u (4) li jsegwuh jidher car li s-sub sub inciz (d) qed jikkontempla uzu ta' network jew apparat li bhall-dawk li jissemmew qabel, mhumiex awtorizzati, jew ghax mhumiex teknikament korretti, jew ghax ma jsirux minn persuni kwalifikati, jew ghax ma jkunux teknikament kompatibbli ma servizzi ohra, eccetera. Jidher li l-ghan tal-ligi specjali f' dan l-artikolu mhux li johloq jew jippunixxi b' mod aktar sever u gravuz reati kriminali li jinsabu f' ligijiet ohra li jsiru b' mezzi ta' telekomunikazzjoni, kif qed tinterpreta dan is-sub inciz (1)(d) tal-artikolu 35 il-Prosekuzzjoni, imma biex tipprevjeni abbuzi ta' natura teknika minn sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici. Bl-applikazzjoni tar-regola tal-interpretazzjoni ta'l-eiusdem generis, jidher car li is-subinciz (d) m'hu xejn hlief aspett iehor tar-reati ta' natura teknika kontemplati fis-sub sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra intizi biex jolqtu specifikatament it-thaddim ta' sistemi ta' komunikazzjonijiet elettronici w ma jissema b'l-ebda mod u ma jiccentra xejn it-theddid jew addirittura xi tip ta' reat iehor kontemplat f' xi ligi ohra.*

.......

*Hu car ghalhekk li l-kliem "ghal ghan li ma jkunx dak li jkun gie fornut ghalih" u "jew tuzah b' mod mhux kif imiss" f' dan is-sub-inciz ma jirriferix ghall-kommissjoni ta' xi reat iehor bl-uzu tat-telephone, imma ghall-uzu ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoniijiet elettronici fornut minn impriza mhux ghal-ghan tekniku, awtorizzat, kompatibbi, eccetera, jew ghall xi forma ta' abbuz iehor, imma dejjem fl-isfera tar-reati ta' l-istess natura teknika komprizi fis-sub-sub-incizi (a) (b) u (c) u reati ohra krejati fis-subartikoli (2) (3) u (4) li kollha jirrigwardaw abbuzi ohra bhal min jaghti informazzjoni falza jew qarrieqa (2); ta' impjegat ma xi impriza li tati informazzjoni dwar messaggi li jsir jaf bihom minnhabba l-kariga li jkollu, jibdel jew jahbi jew jommetti, jdewwem jew jostruwixxi milli jwassal xi messagg jew jeqred xi messagg jew ihassar jew jeqred xi messagg li ma jkunx indirizzat lilu, eccetera (3) jew inkella ta' min jattakka jew jostruwixxi xi impjegat ta' impriza fil-qadi tal-funzjonijiet tieghu (4). Dan ikompli jsahhah il-konvinzjoni ta' din il-Qorti dwar l-ghan veru tar-reati kontemplati f' din it-Taqsima tal-Kap.399.*

Illi dan il-principju baqa jigi applikat u assodat mill-Qrati taghna tul is-snin b'mod li llum l-Kapitolu 399 jipprovdi b'mod specifiku ghal minn juza mezzi eletronici biex jdejjaq, joffendi jew jhedded lil haddiehor[2].

Illi fil-kaz in ezami l-prosekuzzjoni qed tallega li l-imputat uza mezzi elettronici: il-mobile phone biex jhedded lil Farrugia. Huwa car, fid-dawl tal-gurisprudenza fuq kwotata, li din ir-raba imputazzjoni, kif dedotta, ma tistax tirrizulta.

Ikkunsidrat

Illi peremzz tas-seba' imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'sewqan traskurat, bla kont u perikoluz.

Illi huwa pacifiku ukoll f'l-ordinament guridiku taghna x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz:

> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*
>
> *Sewqan bla kont hu deskritt fis-subartikolu (2) ta' l-imsemmi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji.*
>
> *Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-*

[2] Dan peremzz tal-artikolu 49.

*propjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel.*[3]

Illi mill-atti jirrizulta li l-imputat, li kien qed isuq wara l-parte leza, f'xi hin qabizha u waqqaf il-vettura tieghu quddiem taghha b'mod li hija ma setghtex tkompli fi triqietha. Fil-waqt li dan s-sewqan zgur jammonta ghal sewqan traskurat kif fuq definit, min-naha l-ohra ma jistax jinghad li jista' jigi deskritt bhala sewqan bla kont jew perikoluz.

Illi ghalhekk is-seba' imputazzjoni tirrizulta biss in kwantu tirreferi ghal sewqan traskurat.

Ikkunsidrat

Illi permezz tal-hdax l-imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat bir-recidiva. Pero ma gewx prezentati sentenzi in sostenn ta' din l-imputazzjoni li ghalhekk ma tistax tirrizulta.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, u min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni id-dekors taz-zmien minn meta gie kommessi ir-reati odjerni, il-fatt li l-parte leza hafret lill-imputat u ddikjarat li m'ghandha l-ebda interess f'dawn il-proceduri. Hadet in konsiderazzjoni ukoll li mill-fedina penali aggornata ta'l-imputat ma jirrizultax li mis-sena 2004 ikkommetta xi reat iehor.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba, is-sebgha in kwantu tirreferi ghal sewqan bla kont u perikoluz, u l-hdax imputazzjoni u tilliberah minnhom, wara li rat l-artikoli 86, 214, 216(1)(b), 325(1)(a), 338(m)(bb), u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 127 ta'l-Avviz Legali 128 tas-sena 1994 ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu b'dan li fir-rigward tas-sebgha imputazzjoni qed jinstab hati biss ta' sewqan traskurat u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tpoggih taht ordni ta'

[3] Ref Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

probation ghal perjodu ta’ sena bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Il-Qorti qed tordna notifika ta’din is-sentenza lid-Direttur ta’l-ufficju tal-probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**